MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## MARIA KARLSSON

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2011

Talba Numru. 1072/2010

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Luke John Dimech (P 462927971)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' tmien mija u tmienja u disghin ewro w erbgha u sebghin centezmu (€898.74) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici skont *Contract Number* 436430 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Dicembru, 2009 dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dan l-Att, u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notfikat.

Ra li l-konvenut naqas li jidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem it-Tribunal fis-seduta tas-6 ta' Gunju, 2011 mill-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

It-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-Ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------